**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Settembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 482/2020 AF**

**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino fil-kwalità tieghu ta' mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjetà estera Alfa Laval Mid Europe GmbH tal-Germanja**

**vs**

**M/V Andes (IMO No: 9399739)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino fil-kwalità tieghu ta' mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjetà estera Alfa Laval Mid Europe GmbH tal-Germanja, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-bastiment konvenut, hekk kif irrapprezentat mill-*managers* awtorizzati biex jagixxu ghas-sidien tal-bastiment konvenut,

ordna mis-socjetà attrici, apparat u *spare parts* li ghandhom x'jaqsmu mal-operat tal-bastiment intimat ghall-prezz ta' mija u hamsa u sebghin elf Ewro (€175,000.00) liema apparat u *spare parts* huma deskritti fil-*Purchase Order* (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument LCP 1").

Is-socjetà attrici kkonfermat l-ordni tal-apparat u *spare parts* hekk kif deskritt fl-order confirmation (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument LCP 2") u kkonsenjat tali apparat u *spare parts* lill-bastiment konvenut.

In oltre, tali apparat u *spare parts* gew approvati mill-bastiment konvenut hekk kif jidher mill-*Commissioning Test Form* (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument LCP 3").

Il-bastiment konvenut kellu l-obbligu li jhallas fil-hin lis-socjetà attrici ghal provista tal-apparat u *spare parts* fl-ammont totali ta' mija u hamsa u sebghin elf Ewro (€175,000.00) hekk kif stipulat fil-fattura u fid-dati rispettivi indikati fl-istess fattura (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument LCP 4").

Minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi, il-bastiment konvenut naqas milli jhallas din il-fattura.

B'hekk il-bastiment konvenut huwa debitur tas-socjetà attrici fis-somma komplessiva ta' mija u hamsa u sebghin elf Ewro (€175,000.00), liema somma hija appuntu dovuta bhala hlas ghall-prezz ta' apparat u *spare parts* mibjughin mis-socjetà attrici, u dan kif jirrizulta bic-car mid-diversi dokumenti annessi ma' dan ir-rikors guramentat.

Inoltre, minkejja li l-bastiment intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas din il-fattura msemmija permezz ta' diversi ittri u *e-mails*, il-bastiment konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna.

Dan l-ammont ta' mija u hamsa u sebghin elf Ewro (€175,000.00) huwa cert, likwidu u dovut.

Sa fejn taf is-socjetà attrici, il-bastiment intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet tal-istess socjetà attrici u

ghalhekk jezistu r-ragunijiet kollha skond il-ligi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipprocedi ghad-decizjoni bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghad-decizjoni taghha bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna l-bastiment intimat ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' mija u hamsa u sebghin elf Ewro (€175,000.00).

Bl-ispejjez u bl-imghax lokali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-bastiment konvenut li jibqa' ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li ma deher hadd ghall-bastiment intimat, u dan minkejja li kienet saret id-debita notifika lill-istess bastiment.

Ghaldaqstant il-Qorti fic-cirkostanzi, taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' mija u hamsa u sebghin elf Ewro (€175,000.00), bl-ispejjez u imghax kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-bastiment intimat.

IMHALLEF

DEP/REG